MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2015

Rikors Numru. 200/2015

**A B**

**-vs-**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

Illi l-partijiet izzewgu fl-14 ta' Lulju, 1984 fil-Knisja Parrokkjali ta' San Nikola, Siggiewi (Dok A anness) u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal E ta' 26 sena u M ta' 23 sena;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt ippubblikat min-Nutar Dr Ann Fenech Adami fit-8 ta' Novembru, 2007 (Dok B anness);

Ili ma jezisti ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom minhabba illi ilhom snin twal mifrudin u jghixu hajja totalment separata minn xulxin;

Illi fir-rigward tal-manteniment, l-esponent dejjem attwa dak li obbliga ruhu li jaghmel skont il-kuntratt ta' separazzjoni fuq imsemmi u hawn anness;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi qed jigi anness ukoll ma dan ir-rikors l-affidavit tar-rikorrent innifsu (Dok C);

Talab sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-20 ta' Mejju, 2015;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Semghet lill-intimata tixhed bil-gurament taghha;

Rat illi l-intimata talbet illi tigi awtorizzata tirriverti ghal kunjom xbubita u cioe' Cassar;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-8 ta' Novembru 2007;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tawtorizza lill-intimata biex tirriverti ghal kunjom xbubita u cioe' Cassar, tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-

Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------